



11591/25

COPS 383  
CFSP/PESC 1151  
CSDP/PSDC 496  
EUMC 285  
POLMIL 211  
CSC 383  
PSC DEC 35  
MAMA 181  
RELEX 1002  
JAI 1073  
EUNAVFOR MED 23

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tkħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1848 (EUNAVFOR MED IRINI/3/2025)

---

## **DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni  
tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran  
(EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1848  
(EUNAVFOR MED IRINI/3/2025)**

**IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)<sup>1</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4, <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/472/oj>.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, li stabbiliet u nediet operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI).
- (2) Skont id-Deċiżjoni (PESK) 2020/472, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-EUNAVFOR MED IRINI ("Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE").
- (3) Fis-26 ta' Ġunju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1848<sup>2</sup>, li taħtar lill-Viċi Ammirall Valentino RINALDI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mid-19 ta' Lulju 2024.
- (4) Fit-3 ta' Ġunju 2025, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew li l-Viċi Ammirall Marco CASAPIERI jieħu post il-Viċi Ammirall Valentino RINALDI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mit-12 ta' Settembru 2025.
- (5) Fis-17 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta magħmula mill-awtoritajiet militari Taljani.
- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall Marco CASAPIERI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1848 tas-26 ta' Ġunju 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1745 (EUNAVFOR MED IRINI/3/2024) (ĠU L, 2024/1848, 3.7.2024, <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1848/oj>).

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1848 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Viċi Ammirall Marco CASAPIERI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mit-12 ta' Settembru 2025.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1848 hija b'dan imħassar.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Settembru 2025.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurta  
Il-President*